IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.4.2019
SWD(2019) 155 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI - RAPPORT FIL-QOSOR

Li jakkumpanja d-dokument

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

dwar l-evalwazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol

{COM(2019) 169 final} - {SWD(2019) 154 final}

KUNTEST – RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-QGĦAD FIT-TUL

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol tistipula li l-Kummissjoni għandha *"tevalwa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati konċernati, l-azzjoni meħuda bħala rispons għal din ir-Rakkomandazzjoni u tirrapporta dwar ir-riżultati ta' dik il-valutazzjoni lill-Kunsill sal-15 ta' Frar 2019".*[1]

L-għan tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kien li jinġabru *data*, esperjenzi u opinjonijiet dwar il-kriterji ewlenin tar-Rakkomandazzjoni mill-gruppi rilevanti u mill-pubbliku. Dan huwa konformi mal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni[2]. Dan ir-rapport jagħti sommarju tal-konsultazzjonijiet u r-riżultati ewlenin tagħhom.

Il-Pjan Direzzjonali tal-Evalwazzjoni

Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jipprovdu feedback dwar il-Pjan Direzzjonali tal-Evalwazzjoni[3], disponibbli online mid-29 ta' Ġunju 2017 sas-27 ta' Lulju 2017. Dan irriżulta f'sitt tweġibiet: erbgħa mingħand NGOs, waħda mingħand assoċjazzjoni tan-negozju u waħda indikata "Oħrajn". Il-kummenti kienu relatati mar-Rakkomandazzjoni nnifisha, u inkludew talbiet biex jitpoġġa aktar fokus fuq il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, li jiġu involuti Intrapriżi Soċjali tal-Integrazzjoni fix-Xogħol, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u li tiżdied il-kooperazzjoni mal-Istati Membri, u dawn ġew riflessi fil-ħidma ta' evalwazzjoni.

Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa

Mit-2 ta' Mejju 2018 sal-31 ta' Lulju 2018, infetħet konsultazzjoni pubblika mitfuħa (KPM) għal ċittadini interessati u partijiet ikkonċernati fuq il-pjattaforma ta' konsultazzjoni online tal-Kummissjoni fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE kollha ħlief l-Irlandiż. Din irriżultat f'482 tweġiba, minn 205 individwi u 277 organizzazzjoni. Kien hemm rappreżentazzjoni eċċessiva ta' persuni li wieġbu mill-Bulgarija fil-KPM għax dawn irrappreżentaw 48 % tal-kampjun totali. 75 % tar-rispondenti wieġbu li r-Rakkomandazzjoni għadha rilevanti fl-indirizzar tal-qgħad fit-tul (fejn il-qbil kien ogħla fost l-organizzazzjonijiet milli fost l-individwi). Meta teskludi l-kampjun Bulgaru, ir-rilevanza tar-Rakkomandazzjoni kienet meqjusa aktar pożittiva. Bil-Bulgarija inkluża, 40 % tar-rispondenti wieġbu li l-UE għandha tesplora wkoll miżuri oħra biex tgħin lil persuni qiegħda fit-tul isibu impjieg, filwaqt li meta teskludi t-tweġibiet Bulgari, din tinbidel għal 66 %.

Il-maġġoranza tar-rispondenti ħasbu li l-miżuri tal-aħħar sentejn tjiebu għal persuni b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi u għal dawk b'diżabbiltajiet mentali u/jew psikoloġiċi. Il-maġġoranza tar-rispondenti ma qablux li sar titjib għal gruppi vulnerabbli oħra fost il-persuni qiegħda fit-tul.

Terz tar-rispondenti wieġbu li kien hemm sinerġiji bejn il-politiki tal-UE li jgħinu lil persuni qiegħda fit-tul. 89 % tar-rispondenti sabuha utli li jkun hemm politika tal-UE mmirata lejn il-

[1] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol (2016/C 67/01)
[2] Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, SWD (2017) 350
[3] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/initiatives/ares-2017-3234290_mt

qgħad fit-tul. Il-biċċa l-kbira tar-rispondenti qalu li r-Rakkomandazzjoni rriżultat f'xi bidliet fil-politiki (prijoritizzazzjoni/finanzjament/tħaffif tal-miżuri). Ġew irċevuti 23 dokument komplementarju, il-biċċa l-kbira jixbhu dokumenti ta' pożizzjoni ta' Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSĊ). Tlieta enfasizzaw l-importanza ta' servizzi integrati u erbgħa nnutaw li s-sensibilizzazzjoni lejn nies b'diżabbiltà tista' tittejjeb. Tlieta oħra semmew li għandu jsir intervent fid-dettall kemm jista' jkun kmieni, u li l-perjodu ta' limitu ta' 18-il xahar hu tard wisq. Tliet OSĊ innutaw li l-implimentazzjoni setgħet kienet aktar effettiva b'finanzjament dedikat, u waħda kkritikat il-fatt li organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ma ngħataw rwol. Tnejn semmew l-importanza tal-inklużjoni ta' element ta' ħiliet. Dokument Finlandiż kien jixbah prattika tajba u ntuża bħala eżempju fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

Seminars b'punti ta' kuntatt nazzjonali għall-qgħad fit-tul

Ġew organizzati tliet seminars b'punti ta' kuntatt nazzjonali. Dawn il-punti ta' kuntatt ġew nominati mill-Istati Membri wara r-reviżjoni tal-EMCO tal-2016 dwar il-qgħad fit-tul. L-objettivi tas-seminars kienu li jinkiseb input informali dwar l-evalwazzjoni, b'mod partikolari fl-istudju ta' appoġġ, u li jinqasmu tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni. L-ewwel seminar, organizzat fid-19 ta' Marzu 2018, iffoka fuq l-istudju ta' appoġġ u l-metodu tal-ġbir tad-*data*. It-tieni seminar, organizzat fit-28 ta' Ġunju 2018, ippreżenta l-eżerċizzju tal-immappjar tal-istudju, u żewġ eżempji ta' proġetti soċjalment innovattivi mis-soċjetà ċivili. L-aħħar seminar, organizzat fis-6 ta' Novembru 2018, iffaċilita d-diskussjoni dwar sfidi fl-implimentazzjoni. Is-seminars għenu biex jirfinaw l-eżerċizzju tal-immappjar u jikkjarifikaw id-definizzjonijiet użati għall-evalwazzjoni.

Laqgħa ta' Djalogu Strateġiku mal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSĊ)

Ġiet organizzata laqgħa ta' djalogu strateġiku ma' OSĊ fil-livell tal-UE fil-15 ta' Novembru 2018[4] biex jitwassal feedback mill-organizzazzjonijiet li jaħdmu jew jirrappreżentaw lil persuni qiegħda fit-tul b'mod dirett jew indirett. Il-laqgħa inkludiet diskussjonijiet fi gruppi dwar ir-rwol tal-OSĊ, prattiki attwali, u rakkomandazzjonijiet għall-futur.

Il-parteċipanti kollha qablu dwar ir-rilevanza ta' forniturі ta' servizz ta' gwida biex jgħin lil persuni qiegħda fit-tul. L-approċċ tar-Rakkomandazzjoni ntlaqa' bħala olistiku u inklużiv. L-isfidi rikorrenti kienu li r-Rakkomandazzjoni m'għandhiex finanzjament apposta, u b'hekk l-effettività tagħha hija limitata, u li ż-żmien ta' limitu ta' 18-il xahar għal JIAs huwa twil wisq. Il-parteċipanti enfasizzaw ukoll li r-Rakkomandazzjoni ftit ħalliet lok għall-innovazzjoni għax l-approċċ tagħha huwa pjuttost strett. Huma sejħu għal aktar indikaturi kwalitattivi għall-monitoraġġ, għas-servizzi pprovduti u għall-kwalità tal-impjiegi. Enfasizzaw ukoll in-nuqqas ta' mentoraġġ u taħriġ wara l-kollokament. Fl-aħħar nett, il-parteċipanti esprimew tħassib dwar il-fatt li l-OSĊ ma ngħataw l-ebda rwol.

Laqgħa ta' Djalogu Strateġiku mas-Sħab Soċjali

Fit-28 ta' Ġunju 2018, is-Sħab Soċjali fil-livell tal-UE ddiskutew ir-Rakkomandazzjoni. Business Europe talbet għal aktar attenzjoni biex jiġu impjegati persuni mhux attivi. ETUC

[4] Laqgħa ta' Djalogu Strateġiku mal-OSĊ organizzata fil-15 ta' Novembru 2018, ir-rapport għadu se jinħareġ

enfasizzat id-diżappunt tagħha li r-rwol tat-trade unions ma kienx rikonoxxut, u enfasizzat ir-rwol tagħhom fl-għoti ta' taħriġ u appoġġ fuq il-post tax-xogħol.

Konsultazzjoni tan-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi

In-Netwerk tal-PES ikkontribwixxa ħafna fil-monitoraġġ u wettaq stħarriġ ta' kapaċità fost l-uffiċċji tal-PES tiegħu ddedikati għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, kif muri fid-dettall fl-Anness 1. Bejn id-29 ta' Ġunju u d-9 ta' Lulju l-Konsulenti għall-Affarijiet tal-PES Ewropej ġew ikkonsultati dwar ir-rapport li jippreżenta r-riżultati ta' dan l-istħarriġ, li eventwalment wassal għal ittestjar *ex post* tal-interpretazzjoni tas-sejbiet tiegħu.

Konsultazzjoni tal-Kumitat tal-Fond Soċjali Ewropew

Il-Grupp ta' Ħidma Tekniku Informali tal-Kumitat tal-FSE ġie kkonsultat fil-5 ta' Ottubru 2018. Sar rapport *ad hoc*[5] dwar l-użu tal-FSE biex jiġu appoġġjati persuni qiegħda fit-tul, li kkontribwixxa għall-evalwazzjoni.

Konsultazzjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC) ġie kkonsultat fit-30 ta' Ottubru 2018 u ta l-kunsens tiegħu għall-użu tar-rapport tematiku tal-2018[6] tiegħu għall-evalwazzjoni.

Intervisti mmirati fil-livell tal-UE

Twettqu intervisti fil-livell tal-UE fil-qafas tal-appoġġ ta' studju ma' disa' partijiet ikkonċernati, inkluż tliet organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili[7], erba' sħab soċjali[8], u żewġ awtoritajiet pubbliċi.[9] Dawk intervistati ntalbu jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar ir-rilevanza, l-effettività, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tar-Rakkomandazzjoni.

Kien hemm kunsens fost il-partijiet ikkonċernati kollha intervistati li r-Rakkomandazzjoni kienet u għadha rilevanti fil-ġlieda kontra l-qgħad fit-tul. L-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u l-OSĊ enfasizzaw ir-rilevanza tal-approċċ individwalizzat u l-koordinazzjoni tas-servizzi. Żewġ OSĊ ikkritikaw il-punt ta' limitu ta' 18-il xahar kif imsemmi fil-JIA, u OSĊ waħda u sieħeb soċjali wieħed innutaw li valutazzjoni tas-sitwazzjonijiet tas-suq tax-xogħol speċifiċi li jikkawżaw qgħad fit-tul fl-Istati Membri kienet nieqsa. It-trade unions enfasizzaw li huma ma ngħataw l-ebda rwol fir-Rakkomandazzjoni.

Il-biċċa l-kbira ta' dawk intervistati argumentaw li l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni hija kompitu tal-Istati Membri u li l-UE għandha rwol limitat. Il-maġġoranza argumentaw li l-UE għandha timmonitorja u ssegwi l-implimentazzjoni, filwaqt li tagħmel pressjoni wkoll fuq l-Istati Membri fejn ikun sar progress limitat. Suġġerimenti oħra kienu li l-UE għandha tgħin tnaqqas l-istigma soċjali lejn il-qgħad fit-tul (OSĊ waħda) u tiffaċilita l-iskambju tal-prattiki bejn l-Istati Membri (sieħeb soċjali wieħed).

[5] Nota tematika dwar l-appoġġ tal-FSE u l-YEI għall-persuni qiegħda fit-tul (LTU) u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-LTU fis-suq tax-xogħol

[6] Rapport Tematiku tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar "Servizzi soċjali li jikkumplementaw miżuri attivi ta' inklużjoni fis-suq tax-xogħol għall-persuni ta' età tax-xogħol li huma l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol", 2018

[7] In-Netwerk Ewropew ta' Intrapriżi ta' Integrazzjoni Soċjali (ENSIE), Eurocities u Eurodiaconia.

[8] Organizzazzjonijiet tal-impjegaturi: SMEUnited, CEEP u BusinessEurope. Trade unions: KETU

[9] Il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kummissjoni Ewropea – DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni.

Trade union waħda ħasbet li bir-Rakkomandazzjoni l-qgħad fit-tul ingħata prijorità akbar fl-aġenda politika. L-OSĊ argumentaw li r-Rakkomandazzjoni kellha impatt pożittiv. Awtorità pubblika waħda qalet li kienet armonizzat approċċi relatati mal-integrazzjoni ta' persuni qiegħda fit-tul. Il-maġġoranza ta' dawk intervistati argumentaw li r-Rakkomandazzjoni kienet koerenti ma' politiki oħrajn tal-UE li jindirizzaw il-qgħad. Kien innotat li l-użu tal-fondi tal-UE jista' jitjieb, pereżempju billi jintuża l-FSE biex jingħelbu l-problemi tal-kapaċità tal-PES, kif suġġerit minn sieħeb soċjali wieħed. Il-valur miżjud tal-UE tar-Rakkomandazzjoni kien li poġġiet il-problema tal-qgħad fit-tul (ogħla) fuq l-aġenda politika u li pprovdiet gwida dwar miżuri, skont il-biċċa l-kbira ta' dawk intervistati. OSĊ waħda argumentat li setgħet tinkludi aktar standards minimi għal dawk l-Istati Membri b'sistemi ta' appoġġ li mhumiex żviluppati ħafna. Madankollu, it-tħassir ipotetiku tar-Rakkomandazzjoni kien meqjus negattiv minn dawk kollha intervistati.

Intervisti mmirati mwettqa għal studji tal-każ

Tmien studji tal-każ twettqu bħala parti mill-istudju ta' appoġġ estern[10] għall-Kroazja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, ir-Rumanija u s-Slovakkja. L-informazzjoni nġabret permezz ta' ħidma fuq il-post mill-esperti nazzjonali maħtura, issupplimentata b'intervisti mmirati ma' partijiet ikkonċernati mill-Istati Membri. Il-punti ta' kuntatt għall-qgħad fit-tul nazzjonali ġew ikkonsultati dwar ir-riżultati. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ara l-Anness 5: Studji tal-Każijiet.

Il-Kroazja

Dawk intervistati fil-livell nazzjonali rrappurtaw li r-Rakkomandazzjoni kienet punt ta' kriżi għall-politika nazzjonali, u wasslet għal bidliet fil-leġiżlazzjoni u t-tfassil mill-ġdid ta' proċeduri interni. Dan kien meqjus mill-maġġoranza bħala l-valur miżjud tal-UE tar-Rakkomandazzjoni. Madanakollu, l-effettività varjat bejn il-miżuri proposti. L-impjegaturi intervistati kienu pożittivi dwar l-użu ta' appoġġ finanzjarju, iżda b'mod ġenerali ma kinux interessati fi sħubiji relatati mal-impjieg ta' persuni qiegħda fit-tul. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati ħasbu li l-ispejjeż tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni ma kinux se jkunu eċċessivi, għax il-biċċa l-kbira tal-miżuri diġà kienu fis-seħħ, b'mod partikolari meta wieħed jikkumpara mal-benefiċċju mistenni tar-Rakkomandazzjoni (li jnaqqas il-qgħad fit-tul). Il-maġġoranza raw sinerġiji ma' politiki nazzjonali. Aktar tagħlim reċiproku ntlaqa' b'mod pożittiv.

Il-Finlandja

Ir-rilevanza tar-Rakkomandazzjoni ma kinitx ivvalutata bħala għolja minbarra żieda fl-għarfien dwar l-opportunitajiet għall-impjegaturi li jħaddmu persuni qiegħda fit-tul. L-effettività tar-Rakkomandazzjoni kienet meqjusa baxxa fil-Finlandja, għax il-miżuri proposti kienu diġà kollha fis-seħħ. Il-persunal tal-PES semma li kien hemm xi bidliet inkrimentali f'xi miżuri operazzjonali, iżda li dawn ma kinux effett tar-Rakkomandazzjoni. L-elementi kollha kienu konformi mal-politika tal-impjieg tal-Finlandja.

[10] Studju li jappoġġja l-evalwazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol, il-konsorzju Ramboll Management għall-Kummissjoni Ewropea, 2019

Il-Ġermanja

Ir-Rakkomandazzjoni tqieset bħala mhux rilevanti għall-Ġermanja għax ma tat bidu għall-ebda bidla fil-politika (il-miżuri proposti kollha kienu diġà fis-seħħ jew saħansitra aktar avvanzati). Nofs dawk intervistati fuq livell nazzjonali biss kienu konxji tar-Rakkomandazzjoni qabel l-intervista. Il-maniġers tal-każijiet fil-PES semmew li għandu jkun hemm iżjed libertà fi proġetti tal-FSE. Peress li ma ġiet introdotta l-ebda miżura, l-effettività tagħhom ma tistax tiġi vvalutata.

Il-Greċja

Jidher li l-miżuri li ttieħdu taħt il-Programm ta' Assistenza Finanzjarja tal-2012 huma konformi mal-politiki stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni. Dawn kienu jinkludu ristrutturar tas-servizzi tal-PES permezz ta' modernizzazzjoni, taħriġ mill-ġdid tal-persunal biex jipprovdi appoġġ aktar individwali u l-istabbiliment ta' Ċentri tal-komunità. Il-benefiċjarji tal-PES kienu ssodisfati bis-servizzi pprovduti u l-pjan ta' azzjoni individwali li ntuża. Il-konsulenti tal-PES enfasizzaw li approċċ individwali huwa kruċjali, u li l-implimentazzjoni tal-JIA tkun ta' benefiċċju. L-impjegaturi u l-assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi esprimew nuqqas ta' rieda li jużaw is-servizzi tal-PES, minħabba l-perċezzjoni ta' piż burokratiku jew in-nuqqas ta' flessibbiltà. In-negozji esprimew diżappunt li ma kinux involuti fl-iżvilupp tal-ALMP. Il-partijiet ikkonċernati raw valur miżjud tal-UE fil-finanzjament mill-FSE u fil-kondiviżjoni tal-għarfien. Fil-livell nazzjonali u lokali, ġie nnotat li huwa ta' ħassib li l-politiki tfasslu minn fuq għal isfel mingħajr ħafna miżuri mmirati.

L-Irlanda

Dawk intervistati qablu li r-Rakkomandazzjoni tibqa' rilevanti. Din wasslet għal fehim aħjar tal-grupp fil-mira u għall-identifikazzjoni ta' gruppi vulnerabbli fost il-persuni qiegħda fit-tul. Il-partijiet ikkonċernati fil-livell nazzjonali semmew li din ikkonfermat miżuri li ttieħdu qabel ir-Rakkomandazzjoni u wasslet għal iżjed kooperazzjoni u approċċ aktar integrat. Dan ġie kkonfermat minn dawk intervistati fil-livell reġjonali. Il-partijiet ikkonċernati ħassew li l-appoġġ tal-impjegaturi kien issaħħaħ. Il-partijiet ikkonċernati ma rrappurtaw l-ebda konsegwenza finanzjarja tar-Rakkomandazzjoni. Kien argumentat li hija konformi ma' inizjattivi oħra tal-UE. Il-valur miżjud tal-UE kien identifikat bħala li tagħti objettiv komuni lil istituzzjonijiet differenti li jappoġġjaw lil persuni qiegħda fit-tul. Il-partijiet ikkonċernati ssuġġerew ukoll iżjed tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri.

L-Italja

Ir-Rakkomandazzjoni kienet meqjusa rilevanti għax żiedet l-għarfien dwar problemi eżistenti u għenet tfassal aġenda politika biex tindirizzahom. Madankollu, kien argumentat li l-effettività tagħha kienet baxxa. Dawk intervistati fil-livell lokali fiż-żewġ reġjuni argumentaw li s-sensibilizzazzjoni u għalhekk ir-reġistrazzjoni mas-servizzi tal-impjieg baqgħu baxxi. Fehmiet mil-livell reġjonali u lokali kkonfermaw li s-servizz ta' appoġġ ippersonalizzat ivarja

skont it-territorju[11], b'dawk intervistati fil-livell reġjonali jattribwixxu dan għal nuqqas ta' persunal. Dawk intervistati esprimew li l-kooperazzjoni ma' fornituri ta' servizz oħra hija informali u mhux strutturata u li l-impjegaturi għandhom inċentivi baxxi biex jibnu relazzjonijiet b'saħħithom mal-PES. Il-miżuri stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni kienu rrappurtati li huma koerenti mal-politiki nazzjonali dwar ix-xogħol u kontra l-povertà, introdotti fl-2012 u fl-2018.

Ir-Rumanija

Ir-Rakkomandazzjoni kienet meqjusa rilevanti speċjalment f'termini tal-għoti ta' appoġġ lill-gruppi l-aktar żvantaġġati fis-suq tax-xogħol. L-effettività tagħha kienet meqjusa għolja. Dawk intervistati fil-livell lokali semmew li għalkemm il-ħidma għadha għaddejja biex jiġi żviluppat SPOC, xejn minn dan mhu operazzjonali. Impjegatur sab l-appoġġ ta' wara l-kollokament offrut mis-servizzi tal-impjieg bħala rilevanti. Persuni li jaħdmu ma' persuni qiegħda fit-tul innotaw li s-servizzi ta' medjazzjoni kienu effettivi. Il-partijiet ikkonċernati qalu li r-Rakkomandazzjoni ħolqot opportunitajiet ġodda biex tappoġġja lill-klijenti b'mod aħjar. L-effiċjenza ntqal li żdiedet minħabba koordinazzjoni aħjar tas-servizzi permezz tat-tneħħija ta' proċessi li m'għadhomx rilevanti, feedback aħjar u żieda fis-sodisfazzjon tal-konsumaturi. Ġiet identifikata xi koerenza mal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, iżda mhux ma' inizjattivi tal-politika tal-UE oħra fir-Rumanija. Il-valur miżjud tal-UE kien fil-mobilizzazzjoni tal-isforzi nazzjonali biex jappoġġjaw lil individwi qiegħda fit-tul.

Is-Slovakkja

Minbarra l-miżura dwar ir-reġistrazzjoni, il-miżuri kollha proposti fir-Rakkomandazzjoni dehru rilevanti għas-Slovakkja u tqiesu effettivi. Skont il-persunal tal-PES, il-bidla l-aktar effettiva kienet it-tqassir tal-perjodu ta' attivazzjoni minn 24 għal 18-il xahar, għalkemm dan ma kienx rikonoxxut mill-klijenti tal-PES. Dawk intervistati sostnew li miżuri eżistenti biex jiġu rreġistrati dawk li qed ifittxu impjieg ġew żviluppati ulterjorment. Ittieħdu miżuri biex jiġi introdott SPOC, iżda l-effettività tiegħu huwa dibattibbli, b'fehmiet opposti mill-klijenti u l-uffiċjali tal-PES. L-impjegaturi u l-assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi huma ssodisfati bis-servizzi. Ir-Rakkomandazzjoni kienet koerenti mal-politika nazzjonali, u għenet fl-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki b'ambitu usa'.

[11] Uffiċjal tal-PES reġjonali mil-Lombardia stqarr li l-approċċ individwalizzat ilu parti mill-operazzjonijiet tagħhom mill-2007, filwaqt li atturi mill-Marche nnotaw li l-linji gwida ġodda kienu stabbiliti fil-Patt tas-Servizz Ippersonalizzat (Ftehim Taljan għall-Integrazzjoni tal-Impjiegi) u kienu ġodda għalkollox.